



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.12.2013  
COM(2013) 884 final

2013/0432 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni għal ksur doganali u sanzjonijiet**

{SWD(2013) 513 final}

{SWD(2013) 514 final}

{SWD(2013) 515 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 1.1. Kuntest Ġenerali

Minkejja l-fatt li l-leġiżlazzjoni doganali hija kompletament armonizzata, l-infurzar tagħha, li jiżgura konformità mar-regoli doganali u l-impożizzjoni legali ta' sanzjonijiet, jaqa' taħt l-ambitu tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri. Għaldaqstant, l-infurzar tal-leġiżlazzjoni doganali jsegwi 28 sett ta' regoli ġuridiċi differenti u tradizzjonijiet amministrattivi jew ġuridiċi differenti. Dan ifisser li l-Istati Membri jistgħu jimponu sanzjonijiet li għalihom jidhru xierqa bħala pieni għall-ksur ta' ċerti obbligi li joriġinaw mil-leġiżlazzjoni doganali armonizzata tal-Unjoni.

Dawn is-sanzjonijiet huma differenti fin-natura u s-severità tagħhom skont l-Istat Membru li huwa kompetenti għalihom. Jiġifieri, dawn jikkonsistu f'tipi differenti (eż. multi, priġunerija, konfiska ta' merkanzija, skwalifika temporanja jew permanenti mill-prattika ta' attivitajiet industrijali jew kummerċjali), irrispettivament min-natura tagħhom, u anki meta wieħed jassumi l-istess tip u natura, bħal pereżempju multa, dawn ikollhom livelli differenti/ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor.

Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni rigward ksur doganali tal-Istati Membri u sistemi ta' sanzjonijiet seħħet permezz ta' Grupp ta' Proġett stabbilit, fuq bażi volontarja, mill-Kummissjoni b'24 Stat Membru<sup>1</sup>, taħt il-Programm Dwana 2013. Dan il-Grupp ta' Proġett analizza l-24 sistema nazzjonali għal ksur doganali u sanzjonijiet relatati u rrapporta lura lill-Kummissjoni. Ġew osservati bosta differenzi sostanzjali:

**Tabella 1 – Differenzi fis-sistemi ta' sanzjoni doganali tal-Istati Membri**

<b>In-natura tas-sanzjonijiet nazzjonali għal ksur doganali</b>	16 minn 24 Stat Membru jipprovdu kemm għal sanzjonijiet kriminali kif ukoll għal dawk li mhumiex.  8 minn 24 Stat Membru biss jipprovdu għal sanzjonijiet kriminali.
<b>Limiti finanzjarji biex issir distinzjoni bejn ksur kriminali u dawk li mhumiex u sanzjonijiet</b>	L-Istati Membri li s-sistemi tagħhom jipprevedu għal kemm ksur kriminali kif ukoll dawk li mhumiex u s-sanzjonijiet għandhom limiti finanzjarji differenti biex jiddeċiedu dwar in-natura tal-ksur doganali – jekk huwiex kriminali jew le - u b'hekk anki n-natura tas-sanzjoni doganali. Għaldaqstant il-limiti finanzjarji jvarjaw bejn EUR 266 u

<sup>1</sup> l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit.

	EUR 50 000.
<b>Il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru biex jistabilixxi r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku għall-ksur doganali</b>	<p>11 minn 24 Stat Membru jqisu li operatur ekonomiku huwa responsabbli għal ċertu ksur doganali kull meta jkun hemm xi ksur tal-liġi doganali, irrispettivament mill-preżenza tal-intenzjoni, negliġenza jew elementi ta' traskuraġni jew imġiba imprudenti (ksur ta' responsabbiltà stretta).</p> <p>13 minn 24 Stat Membru ma jistgħux jippenalizzaw operatur ekonomiku għal ksur doganali mingħajr il-preżenza ta' intenzjoni, negliġenza jew elementi ta' traskuraġni jew imġiba imprudenti.</p>
<p><b>Limiti ta' żmien:</b></p> <p><b>-biex jingħata bidu għall-proċedura ta' sanzjoni doganali</b></p> <p><b>-biex tiġi imposta sanzjoni doganali</b></p> <p><b>-biex tiġi infurzata sanzjoni doganali</b></p>	<p>Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri għandhom limiti taż-żmien biex jibdew proċedura ta' sanzjoni doganali, jimponu din is-sanzjoni u jinforzawha. Dawn il-limiti ta' żmien ivarjaw minn sena waħda sa 30.</p> <p>Wieħed minn 24 Stat Membru ma jkollu l-ebda limitu ta' żmien – dan jista' jagħti bidu għal proċedura ta' sanzjoni jew jimponiha f'kull ħin.</p>
<b>Ir-responsabbiltà tal-Persuni Ġuridiċi</b>	<p>Operatur ekonomiku li huwa persuna ġuridika jista' jinżamm responsabbli għal ksur doganali fi 15 minn 24 Stat Membru.</p> <p>F'disgħa minn 24 Stat Membru persuni ġuridiċi ma jistgħux jinżammu responsabbli għal ksur.</p>
<b>Soluzzjoni</b>	<p>It-terminu "soluzzjoni" jirreferi għal kull proċedura ġuridika jew sistema amministrattiva ta' Stat Membru, li jippermetti lill-awtoritajiet biex jiftiehm u ma' persuna li wettqet reat biex issolvi l-kwistjoni tal-ksur doganali bħala alternattiva għall-bidu jew it-tmiem tal-proċeduri ta' sanzjonijiet doganali.</p> <p>15 minn 24 Stat Membru għandhom din il-proċedura għal ksur doganali.</p>

(Sors: Rapport minn Grupp ta' Proġett dwar Pieni Doganali – Anness 1B tal-Valutazzjoni tal-Impatt għal att leġislativ li jistabilixxi qafas ġuridiku tal-Unjoni dwar ksur doganali u sanzjonijiet)

Dawn id-differenzi fil-ksur tal-leġislazzjoni doganali u s-sanzjonijiet għandhom implikazzjonijiet f'diversi livelli:

- minn perspettiva internazzjonali, is-sistemi differenti ta' sanzjoni eżistenti fl-Istati Membri joħolqu ċertu tħassib f'xi Stati Membri tad-WTO rigward il-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-obbligji internazzjonali tagħha f'dan il-qasam;

- fl-Unjoni Ewropea, l-infurzar differenti tal-leġislazzjoni doganali jagħmel il-ġestjoni effettiva tal-unjoni doganali aktar diffiċli, minħabba li l-istess imġiba mhux konformi tista' tiġi trattata b'modi differenti ħafna f'kull Stat Membru kif turi t-tabella preċedenti;

- għall-operaturi ekonomiċi, id-differenzi fit-trattament tal-ksur tal-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni għandhom impatt fuq il-kondizzjonijiet ekwi, li għandhom ikunu inerenti għas-Suq Intern, biex b'hekk jipprovdu vantaġġ għal dawk li jiksru l-liġi fi Stat Membru b'leġislazzjoni klementi għas-sanzjonijiet doganali. Din is-sitwazzjoni għandha impatt ukoll fuq l-aċċess għal simplifikazzjonijiet doganali u l-iffaċilitar jew għall-proċess tal-għoti tal-istatus ta' AEO, minħabba li l-kriterju li jirreferi għall-konformità mal-leġislazzjoni doganali u n-nuqqas ta' ksur serju bħala kondizzjoni għall-kisba tal-istatus ta' AEO, jiġi interpretat b'mod differenti mil-leġislazzjonijiet nazzjonali.

Sabiex jiġu indirizzati dawn il-problemi, il-proposta tistabbilixxi qafas ġuridiku komuni għat-trattament ta' ksur doganali u sanzjonijiet, li jnaqqas id-distakk bejn sistemi ġuridiċi differenti permezz ta' pjattaforma komuni ta' regoli u b'hekk jikkontribwixxi għal trattament ugwali bejn l-operaturi ekonomiċi fl-UE, kif ukoll għall-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u l-infurzar tal-liġi fil-qasam doganali.

## 1.2. Kuntest ġuridiku

Il-leġislazzjoni doganali li tirreferi għal kummerċ ta' merkanzija bejn it-territorju doganali tal-Unjoni u pajjiżi terzi hija kompletament armonizzata u nbriet f'Kodiċi Doganali Komunitarju (CCC)<sup>2</sup> sa mill-1992. Riforma maġġuri ta' dan il-Kodiċi twettqet fir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' April 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat jew KDM)<sup>3</sup>, issa riformulat u revokat bir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU)<sup>4</sup> bil-għan li jadatta l-leġislazzjoni doganali għall-ambjent elettroniku doganali u l-kummerċ, jippromwovi aktar armonizzazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-leġislazzjoni doganali, u jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni l-għodod adegwati sabiex jiżviluppaw l-attivitajiet tagħhom f'ambjent ta' kummerċ globali.

<sup>2</sup> Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 u applikat mill-1 ta' Jannar 1994, fil-ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1992R2913:20070101:MT:PDF>

<sup>3</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat) (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 1: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:145:0001:0064:MT:PDF>

<sup>4</sup> Ir-Regolament Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) fil-ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1 (rettifika fil-ĠU L 287, 29.10.2013, p. 90): <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:269:0001:0101:MT:PDF>

Din il-leġiżlazzjoni doganali armonizzata teħtieġ tissaħħaħ b'regoli komuni fir-rigward tal-infurzar tagħha. Il-ħtieġa li jittieħdu ċerti passi f'din id-direzzjoni diġà ġie indikat mill-Parlament Ewropew f'żewġ rapporti<sup>5</sup>, wieħed tal-2008 u l-ieħor tal-2011, li urew il-bżonn tal-armonizzazzjoni f'dan il-qasam.

Dawn l-isforzi kollha jiġu appoġġjati skont l-obbligu ġenerali previst mit-Trattat<sup>6</sup> għall-Istati Membri sabiex *“jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jitwettqu”*. Dan l-obbligu jinkludi sanzjonijiet, mingħajr distinzjoni bejn sanzjonijiet ta' natura kriminali u dawk li mhumiex.

Aktar speċifikament il-Kodiċi Doganali Modernizzat u l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jinkludu għall-ewwel darba dispożizzjoni<sup>7</sup> dwar pieni doganali amministrattivi.

## **2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Intużaw erba' għodod ta' konsultazzjoni, l-ebda waħda minnhom ma kienet konsultazzjoni pubblika (minħabba n-natura speċifika u t-teknika tal-ksur doganali u s-sanzjonijiet) u skont it-talba tal-partijiet interessati bi trattament kunfidenzjali tat-tweġibiet.

– Kwestjonarju minnhom kien indirizzat lill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri dwar is-sistemi tagħhom tal-ksur u pieni doganali nazzjonali u nġabru tweġibiet minn 24 Stat Membru, kif issemma qabel f'dan il-memorandum. It-tqabbil tad-dejta miġbura wera differenzi rilevanti bejn is-sistemi ta' sanzjoni doganali tal-Istati Membri.

– Seminar ta' Livell Għoli dwar il-Konformità u għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Konformità bil-parteċipazzjoni ta' amministrazzjonijiet doganali mill-Istati Membri kollha u l-Pajjiżi Kandidati u rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi sar f'Kopenhagen fl-20 u l-21 ta' Marzu 2012, fejn il-kwistjoni ta' reati u pieni doganali ġiet rikonoxxuta bħala element ta' skema ta' “konformità” u kwistjoni li għandha tiġi studjata aktar.

– Twettqet l-ewwel konsultazzjoni tal-partijiet interessati mal-korp konsultattiv tad-DĠ TAXUD dwar kwistjonijiet doganali (il-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Kummerċ (TCG)). It-TCG jinkludi rappreżentanti fil-livell tal-Unjoni b'45 assoċjazzjoni tal-kummerċ, inklużi SMEs involuti f'attivitajiet doganali. Bħala tweġiba għal din il-konsultazzjoni, il-maġġoranza tal-assoċjazzjonijiet preżenti fil-laqgħa esprimew qbil ġenerali fuq ir-rilevanza tal-inizjattiva tad-DĠ TAXUD għall-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

---

<sup>5</sup> Ir-rapport mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali dwar regoli u proċeduri effikaċi għall-importazzjoni u l-esportazzjoni fil-politika kummerċjali (2007/2256 (INI)). Relatur: Jean-Pierre Audy u r-Rapport mill-Kumitat fis-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur dwar l-immodernizzar doganali (2011/2083 (INI)). Relatur: Matteo Salvini

<sup>6</sup> L-Artikolu 4.3 tat-TUE

<sup>7</sup> L-Artikolu 21 KDM, isir l-Artikolu 42 KDU.

– It-tieni konsultazzjoni mal-partijiet interessati twettqet permezz ta' kwestjonarju ieħor, li ntbagħat lill-SMEs permezz tan-Netwerk Enterprise Europe, dwar l-effetti li s-sistemi diversi ta' ksur u sanzjonijiet fis-seħħ fi Stati Membri differenti fil-qasam tal-leġislazzjoni doganali jkollhom fuq l-attività kummerċjali tal-kumpaniji li jitrattaw attivitajiet ta' importazzjoni/esportazzjoni.

## **2.2. Valutazzjoni tal-Impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet ta' politika (disponibbli fuq:...). Ġew analizzati erba' għażliet ta' politika: A – xenarju bażi; B – modifikazzjoni tal-leġislazzjoni fil-qafas ġuridiku tal-Unjoni fis-seħħ; C – miżura leġislattiva dwar l-approssimazzjoni tat-tipi ta' ksur doganali u sanzjonijiet mhux kriminali u D – żewġ miżuri leġislattivi separati bil-għan ta' approssimazzjoni ta' ksur doganali u sanzjonijiet mhux kriminali fuq naħa u ksur doganali kriminali u sanzjonijiet fuq in-naħa l-oħra.

Wara li ġew ikkunsidrati l-għażliet possibbli, il-valutazzjoni tal-impatt tikkonkludi li tiġi preferuta miżura leġislattiva li tidentifika l-obbligi doganali li għalihom għandha tingħata protezzjoni speċjali permezz tat-twaqqif ta' sanzjonijiet mhux kriminali għal xi ksur minnhom (l-għażla C).

Fl-14 ta' Ġunju 2013 is-sottomissjoni mill-ġdid tal-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni pożittiva tal-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt.

## **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

### **3.1. Il-bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 33 tat-TFUE jiddikjara li l-kooperazzjoni doganali bejn Stati Membri u bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni għandhom jissaħħu fl-ambitu tal-applikazzjoni tat-Trattati.

Skont il-Kodiċi, deċiżjoni meħuda minn Stat Membru hija applikata fl-Istati Membri l-oħra kollha u għalhekk tirrikjedi konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet sabiex tittejjeb l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu.

Bl-istess mod, l-introduzzjoni ta' ċerti faċilitazzjonijiet u simplifikazzjonijiet fil-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni u l-aċċess tal-AEO għalihom hija raġuni importanti sabiex tissaħħaħ aktar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari il-valutazzjoni tal-kriterji meħtieġa biex jingħata l-istatus ta' AEO u speċjalment il-kriterju b'rabta man-nuqqas ta' kull ksur serju jew ksur ripetut mill-AEO jeħtieġ sistemi ta' sanzjoni komparabbli madwar l-UE sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi ekonomiċi.

Għaldaqstant l-approssimazzjoni ta' ksur doganali u sanzjonijiet titlob mhux biss kooperazzjoni doganali bejn l-Istati Membri iżda wkoll tikkontribwixxi għal applikazzjoni u infurzar b'mod xieraq u uniformi tal-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni.

### **3.2. Sussidjarjetà, proporzjonalità u rispezz għad-drittijiet fundamentali.**

L-approssimazzjoni ta' ksur doganali u sanzjonijiet mhux kriminali titqies bħala parti integrali tal-liġi sekondarja li l-Unjoni tista' tadotta bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fir-rwol tagħha ta' implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-unjoni doganali, minħabba li hija qasam tal-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għalhekk ma jkunx xieraq li l-azzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam tiġi vvalutata fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, anki jekk is-sussidjarjetà jkollha tiġi kkunsidrata, għalkemm fil-każ speċifiku aħna ninsabu f'qasam ta' politika armonizzata b'mod sħiħ (unjoni doganali) b'regoli armonizzati bl-istess mod, li l-implimentazzjoni effettiva tagħhom tiddetermina l-eżistenza nnifisha tal-unjoni doganali, l-Unjoni biss tinsab f'pożizzjoni li tkun tista' tissodisfa l-oġettivi ta' din id-direttiva, anki minħabba l-fatt tad-disparità importanti fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv. Il-kontenut ta' din il-proposta hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, ċerti dispożizzjonijiet skont il-kapitolu tar-regoli proċedurali ddaħħlu f'konformità mal-prinċipju tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u proċess ġust, kif wkoll fid-dawl tal-prinċipju *ne bis in idem*.

### **3.3. Għażla tal-istrumenti**

Din il-proposta għal approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali fil-qasam tal-kooperazzjoni doganali fl-Unjoni, se tiegħu l-forma ta' Direttiva li l-Istati Membri se jkollhom jitrassponu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

### **3.4. Dispożizzjonijiet speċifiċi**

Il-proposta tindirizza ksur marbut mal-obbligi li joriġinaw mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni. Sabiex tagħmel dan, il-proposta tinkludi lista komuni ta' ksur differenti (responsabbiltà stretta, li tkun twettqet b'negliġenza u b'intenzjoni) ksur tar-regoli tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u bħala tali tinkludi kull sitwazzjoni possibbli li l-persuni jistgħu jiffaċċjaw f'dan ir-rigward meta jkunu qed jitrattaw mal-awtoritajiet doganali. Il-proposta tqis bħala ksur mhux biss it-twettiq komplet tal-imġiba elenkata fil-proposta iżda wkoll it-tentattiv intenzjonat tagħha.

B'mod parallel ma' dawn il-kondotti, din il-proposta tistabbilixxi wkoll skala komuni ta' sanzjonijiet effettivi proporzjonati u dissuażivi marbuta mal-ksur tal-liġi u ċ-ċirkostanzi rilevanti li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri meta jiġi ddeterminat it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet għal ksur doganali li jikkontribwixxi għall-adattament tas-sanzjoni għas-sitwazzjoni speċifika. Il-kombinament tal-iskala tas-sanzjonijiet flimkien ma-ċ-ċirkostanzi rilevanti jippermetti biex jiġu stabbiliti l-livelli diversi ta' severità sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju ta' proporzjonalità tas-sanzjonijiet. Barra minn hekk, il-proposta tiddefinixxi ċerti każijiet fejn l-imġiba li taqa' taħt il-kategoriji definiti bħala ksur ta'

responsabbiltà stretta minn din il-proposta ma titqiesx bħala tali meta dawn isefħu minħabba żball min-naħa tal-awtoritajiet doganali kompetenti.

Il-proposta tirreferi għar-responsabbiltà ta' persuni li jkollhom rwol rilevanti fil-kummissjoni ta' ksur doganali b'intenzjoni, bi trattament ekwivalenti għal dawk il-persuni li jkunu involuti fl-inċitazzjoni, l-għajnuna jew l-assistenza ta' dan il-ksur. Tirreferi wkoll għar-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, minħabba li l-ksur doganali jista' jirriżulta wkoll minn kondotti attribwibbli għal persuni ġuridiċi.

Fl-aħħar nett, il-proposta tinkludi ċerti dispożizzjonijiet proċedurali meħtieġa biex jiġi evitat li jkun hemm koinċidenza ta' sanzjonijiet għall-istess fatti u persuni. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-limitu ta' żmien li fih l-awtoritajiet kompetenti jridu jibdeu il-proċedura kontra l-persuna responsabbli għall-ksur, il-possibbiltà li jiġi sospiż il-proċediment ta' sanzjoni f'dawk il-każijiet fejn il-proċedimenti kriminali jkunu qed jitwettqu fir-rigward tal-istess fatti u kompetenza territorjali billi jiġi definit liema Stat Membru huwa kkunsidrat kompetenti biex jittratta l-każ meta l-ksur jinvolvi aktar minn Stat Membru wieħed.

L-implimentazzjoni ta' dawn l-artikoli fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri se jiżguraw kondizzjonijiet omoġenji tal-operaturi ekonomiċi irrispettivament l-Istat Membru li fih huma jwettqu l-formalitajiet doganali u l-operazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Se tiżgura wkoll konformità mal-obbligi internazzjonali li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Kjoto.

#### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta mhux se jkollha impatt fuq ir-riżorsi umani u fuq l-Unjoni Ewropea u għalhekk mhijiex akkumpanjata minn dikjarazzjoni finanzjarja meħtieġa taħt l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju (ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002).

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja għall-Unjoni.

#### **5. DOKUMENTI TA' SPJEGAZZJONI**

Huwa importanti għall-Kummissjoni li tiżgura traspożizzjoni xierqa tad-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Sabiex tikseb dan u minħabba l-istruttura differenti fis-sistemi ġuridiċi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-referenza eżatta għad-dispożizzjonijiet nazzjonali u kif din tittrasponi kull dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva. Dan ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għall-Kummissjoni biex tiżgura li jintlaħaq l-għan ewlieni tad-Direttiva, implimentazzjoni effettiva u infurzar ta' leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni fl-unjoni doganali.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-qafas ġuridiku tal-Unjoni għal ksur doganali u sanzjonijiet**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-unjoni doganali huma armonizzati bil-liġi tal-Unjoni. Madankollu, l-infurzar tagħhom jaqa' taħt l-ambitu tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.
- (2) Għaldaqstant, il-ksur doganali u s-sanzjonijiet isegwu 28 sett differenti ta' regoli ġuridiċi. B'riżultat ta' dan, ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni ma jkunx ittrattat bl-istess mod madwar l-Unjoni u s-sanzjonijiet li jistgħu jiġu imposti f'kull każ huma differenti fin-natura u s-severità tagħhom skont l-Istat Membru li qed jimponi s-sanzjoni.
- (3) Din id-disparità bejn is-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri taffettwa mhux biss l-amministrazzjoni ottima tal-unjoni doganali, iżda wkoll tipprevjeni li tista' tinkiseb sitwazzjoni ta' kondizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi fl-unjoni doganali minħabba li għandha impatt fuq l-aċċess tagħhom għal simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet doganali.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi") tnissel għal ambjent elettroniku multinazzjonali fejn hemm komunikazzjoni f'ħin reali bejn l-awtoritajiet doganali u fejn deċiżjoni li ttieħdet minn Stat Membru tiġi applikata fl-Istati Membri l-oħra kollha. Għalhekk dan il-qafas ġuridiku jeħtieġ infurzar armonizzat. Il-Kodiċi jinkludi wkoll dispożizzjoni li titlob lill-Istat Membru biex jipprovdi għal sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati.
- (5) Il-qafas ġuridiku għall-infurzar tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni previst f'din id-Direttiva huwa konsistenti mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ rigward is-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni<sup>9</sup>. Il-ksur doganali kopert mill-qafas stabbilit minn din id-Direttiva jinkludi ksur doganali li jkollu impatt fuq dawn l-interessi finanzjarji,

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

<sup>9</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali COM(2012)363).

filwaqt li ma jaqax taħt l-ambitu tal-leġiżlazzjoni jissalvagwardjawhom permezz tal-liġi kriminali u ksur doganali li ma għandu l-ebda impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (6) Għandha tiġi stabbilita lista ta' mġiba li għandha titqies bħala ksur ta' leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni u toħloq sanzjonijiet. Dan il-ksur doganali għandu jkun kompletament ibbażat fuq l-obbligi li joriġinaw mil-leġiżlazzjoni doganali b'referenzi diretti għall-Kodiċi. Din id-Direttiva ma tiddeterminax jekk l-Istati Membri għandhomx japplikaw sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali fir-rigward ta' dan il-ksur doganali.
- (7) L-ewwel kategorija ta' mġiba għandha tinkludi ksur doganali fuq il-bażi ta' responsabbiltà stretta, li ma teħtieġx xi element ta' ħtija, meta tiġi kkunsidrata n-natura oġġettiva tal-obbligi involuti u l-fatt li l-persuni responsabbli biex twettaqhom ma tistax tinjora l-eżistenza u n-natura vinkolanti tagħhom.
- (8) It-tieni u t-tielet kategorija ta' mġiba għandhom jinkludu ksur doganali li jitwettaq b'negliġenza jew intenzjonalment, rispettivament, fejn dan l-element suġġettiv irid jiġi stabbilit biex tinħoloq din ir-responsabbiltà.
- (9) L-inċitament jew l-ghajjnuna u l-assistenza ta' mġiba li tikkostitwixxi ksur doganali mwettaq b'mod intenzjonali u tentattiv biex wieħed jikkommetti ċertu ksur doganali intenzjonalment għandu jiġi kkunsidrat bħala ksur doganali.
- (10) Sabiex tiġi żgurata c-ċertezza ġuridika, għandu jkun ipprovdut li xi att jew ommissjoni li jirriżultaw minn żball min-naħa tal-awtoritajiet doganali, ma għandhomx jitqiesu bħala ksur doganali.
- (11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jista' jkun hemm responsabbiltà għal persuni ġuridiċi kif ukoll għal persuni fiżiċi għall-istess ksur doganali meta l-ksur jitwettaq għall-benefiċju ta' persuna ġuridika.
- (12) Sabiex ikunu approssimati s-sistemi ta' sanzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, l-iskali ta' sanzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti li jirriflettu l-kategoriji differenti ta' ksur doganali u s-serjeta tagħhom. Bl-iskop li jiġu imposti sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jikkunsidraw ċirkustanzi speċifiċi, aggravanti jew mitiganti meta jiġi ddeterminat it-tip u l-livell ta' sanzjonijiet li għandhom jiġu applikati.
- (13) Il-perjodu ta' limitazzjoni għall-proċedimenti li jikkonċernaw ksur doganali għandu jkun stabbilit għal erba' snin mill-jum li l-ksur doganali twettaq jew, fil-każ ta' ksur kontinwu jew ripetut, fejn l-imġiba li tikkostitwixxi dan il-ksur jieqaf. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perjodu ta' limitazzjoni jiġi interrott b'att dwar l-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti ġuridiċi rigward il-ksur doganali. L-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu każijiet li fihom dan il-perjodu jkun sospiż. Il-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' dawn il-proċedimenti għandhom ikunu preklużi wara li jiskadi l-perjodu ta' skadenza ta' tmien snin, filwaqt li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' sanzjoni għandu jkun ta' tliet snin.
- (14) Għandha tkun prevista sospensjoni ta' proċedimenti amministrattivi li jikkonċernaw ksur doganali, meta jkunu bdew il-proċedimenti kriminali kontra l-istess persuna b'konnessjoni mal-istess fatti. Il-kontinwazzjoni tal-proċedimenti amministrattivi wara t-tmiem tal-proċedimenti kriminali għandha tkun possibbli biss f'konformità stretta mal-prinċipju *ne bis in idem*.

- (15) Sabiex jiġu evitati kunflitti pożittivi ta' ġurisdizzjoni, għandhom jiġu stabbiliti regoli li jiddeterminaw liema mill-Istati Membri b'ġurisdizzjoni għandu jeżamina l-każ.
- (16) Din id-Direttiva għandha ttiprovdi għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni sabiex tkun żgurata azzjoni effettiva kontra ksur doganali.
- (17) Sabiex tiġi ffaċilitata l-investigazzjoni ta' ksur doganali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitħallew temporanjament iżommu kull merkanzija, mezzi ta' trasport jew kull strument ieħor użat biex twettaq il-ksur.
- (18) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni<sup>10</sup>, l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trasmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.
- (19) Billi din id-Direttiva ttiprovdi lista ta' ksur doganali komuni għall-Istati Membri kollha u sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati, li għandhom jiġu imposti mill-Istati Membri fil-qasam tal-unjoni doganali, li huwa armonizzat b'mod sħiħ, dawn l-oġġettivi ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fuq il-bażi tat-tradizzjonijiet ġuridiċi differenti tagħhom, iżda permezz tal-iskala u l-effetti jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-oġġettivi.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

#### *Artikolu 1*

#### **Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas li jikkonċerna l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni u ttipprevedi s-sanzjonijiet għal dan il-ksur.
2. Din id-Direttiva tapplika għall-ksur tal-obbligi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kodiċi') u ta' obbligi identiċi stabbiliti f'partijiet oħra fil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 5(2) tal-Kodiċi.

#### *Artikolu 2*

#### **Ksur doganali u sanzjonijiet**

L-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet fir-rigward ta' ksur doganali stabbilit fl-Artikoli 3 sa 6.

---

<sup>10</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

### Artikolu 3

#### Ksur doganali ta' responsabbiltà stretta

L-Istati Membri jiżguraw li l-atti jew l-omissionijiet li ġejjin jikkostitwixxu ksur doganali irrispettivament minn kull element ta' ħtija:

- (a) nuqqas min-naħa tal-persuna li qed tippreżenta dikjarazzjoni doganali, dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja, dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid jew notifika ta' esportazzjoni mill-ġdid, li tiżgura l-akkuratezza u l-kompletezza tal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni, fin-notifika jew fl-applikazzjoni skont l-Artikolu 15(2)(a) tal-Kodiċi;
- (b) nuqqas min-naħa tal-persuna li tippreżenta dikjarazzjoni doganali, dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja, dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ, dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid jew notifika ta' esportazzjoni mill-ġdid, biex tiġi żgurata l-awtentiċità, l-akkuratezza u l-validità ta' kull dokument ta' sostenn skont l-Artikolu 15(2)(b) tal-Kodiċi;
- (c) nuqqas min-naħa tal-persuna li tippreżenta dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul skont l-Artikolu 127 tal-Kodiċi, notifika tal-wasla ta' bastiment jew ta' inġenju tal-ajru skont l-Artikolu 133 tal-Kodiċi, dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja skont l-Artikolu 145 tal-Kodiċi, dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 158 tal-Kodiċi, notifika ta' attivitajiet f'żoni ħielsa skont l-Artikolu 244(2) tal-Kodiċi, dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq, f'konformità mal-Artikolu 263 tal-Kodiċi, dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mill-ġdid skont l-Artikolu 270 tal-Kodiċi, dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ skont l-Artikolu 271 tal-Kodiċi jew notifika ta'esportazzjoni mill-ġdid skont l-Artikolu 274 tal-Kodiċi;
- (d) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku biex iżomm id-dokumenti u l-informazzjoni relatata mat-twettiq tal-formalitajiet doganali permezz ta' kull mezz aċċessibbli għall-perjodu ta' żmien meħtieġ mil-leġiżlazzjoni doganali skont l-Artikolu 51 tal-Kodiċi;
- (e) tneħħija ta' merkanzija li tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni mis-superviżjoni doganali mingħajr il-permess tal-awtoritajiet doganali, kuntrarju għall-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 134(1) tal-Kodiċi;
- (f) tneħħija ta' merkanzija mis-superviżjoni doganali, għall-kuntrarju tar-raba' subparagrafu tal-Artikolu 134(1) u l-Artikoli 158(3) u 242 tal-Kodiċi;
- (g) nuqqas min-naħa tal-persuna li qed iddaħħal merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni li tikkonforma mal-obbligi relatati mal-mezz ta' trasport tal-merkanzija fil-post propju skont l-Artikolu 135(1) tal-Kodiċi, jew li tinforma l-awtoritajiet doganali meta l-obbligi ma jistgħux jiġu osservati skont l-Artikolu 137(1) u (2) tal-Kodiċi;
- (h) nuqqas min-naħa tal-persuna li qed iddaħħal merkanzija f'żona ħielsa, fejn din iż-żona tkun tmiss mal-fruntiera tal-art bejn Stat Membru u pajjiż terz, li ddaħħal din il-merkanzija direttament f'din iż-żona ħielsa mingħajr ma tgħaddi minn xi parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni skont l-Artikolu 135(2) tal-Kodiċi;
- (i) nuqqas min-naħa tad-dikjarant għal ħażna temporanja jew għal proċedura doganali li jipprovdi d-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali fejn jintalab li jsir

dan mil-leġislazzjoni tal-Unjoni jew jekk ikun meħtieġ għall-kontrolli doganali skont l-Artikolu 145(2) u l-Artikolu 163(2) tal-Kodiċi;

- (j) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku responsabbli għal merkanzija mhux tal-Unjoni li tkun f'ħażna temporanja li din il-merkanzija titpoġġa taħt proċedura doganali jew sabiex tiġi esportata mill-ġdid fil-limitu ta' żmien skont l-Artikolu 149 tal-Kodiċi;
- (k) nuqqas min-naħa tad-dikjarant għal proċedura doganali li jkollu fil-pussess tiegħu u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali, fil-ħin li tkun ippreżentata d-dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni supplimentari, id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa għall-applikazzjoni tal-proċedura inkwistjoni skont l-Artikolu 163(1) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi;
- (l) nuqqas min-naħa tad-dikjarant għal proċedura doganali, fil-każ ta' dikjarazzjoni simplifikata skont l-Artikolu 166 tal-Kodiċi jew ta' annotazzjoni fil-kotba tad-dikjarant skont l-Artikolu 182 tal-Kodiċi, li jippreżenta dikjarazzjoni supplimentari fl-uffiċċju doganali kompetenti f'limitu ta' żmien speċifiku skont l-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi;
- (m) tneħħija jew qerda ta' mezzi ta' identifikazzjoni mwaħħla mill-awtoritajiet doganali mal-merkanzija, mal-imballaġġ jew mal-mezzi ta' trasport mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, li tingħata mill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 192(2) tal-Kodiċi;
- (n) nuqqas min-naħa tad-detentur tal-proċedura ta' proċessar attiv li jtemm proċedura doganali fiż-żmien stipulat skont l-Artikolu 257 tal-Kodiċi;
- (o) nuqqas min-naħa tad-detentur tal-proċedura ta' proċessar passiv li jesporta l-merkanzija difettuża fiż-żmien stipulat skont l-Artikolu 262 tal-Kodiċi;
- (p) kostruzzjoni ta' bini f'żona ħielsa mingħajr l-approvazzjoni tal-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 244(1) tal-Kodiċi;
- (q) nuqqas ta' ħlas ta' dazji fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni mill-persuna responsabbli li tħallas fil-perjodu preskritt skont l-Artikolu 108 tal-Kodiċi.

#### *Artikolu 4*

#### **Ksur doganali mwettaq b'negliġenza**

L-Istati Membri jiżguraw li l-atti jew l-omissjonijiet li ġejjin jikkostitwixxu ksur doganali meta jkun imwettaq b'negliġenza:

- (a) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku responsabbli għal merkanzija mhux tal-Unjoni li tkun f'ħażna temporanja, li din il-merkanzija titpoġġa taħt proċedura doganali jew biex tiġi esportata mill-ġdid fil-limitu ta' żmien skont l-Artikolu 149 tal-Kodiċi;
- (b) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku li jipprovdi lill-awtoritajiet doganali bl-għajjnuna kollha meħtieġa għat-tweqqif tal-formalitajiet doganali jew ta' kontrolli skont l-Artikolu 15(1) tal-Kodiċi;
- (c) nuqqas min-naħa tad-detentur ta' deċiżjoni relatata mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali li jikkonforma mal-obbligi li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 23(1) tal-Kodiċi;

- (d) nuqqas min-naħa tad-detentur ta' deċiżjoni relatata mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali li jgħarraf lill-awtoritajiet doganali mingħajr dewmien dwar kull fattur, li jinħoloq wara li d-deċiżjoni tkun ittieħdet minn dawn l-awtoritajiet, li jinfluwenza l-kontinwazzjoni jew il-kontenut tagħha skont l-Artikolu 23(2) tal-Kodiċi;
- (e) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku li jippreżenta merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi;
- (f) nuqqas min-naħa tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni li jippreżenta l-merkanzija intatta fl-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fiż-żmien preskritt skont l-Artikolu 233(1)(a) tal-Kodiċi;
- (g) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku li jippreżenta l-merkanzija mdaħħla fiż-żona ħielsa lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 245 tal-Kodiċi;
- (h) nuqqas min-naħa tal-operatur ekonomiku li jippreżenta l-merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni lill-awtoritajiet doganali mal-ħruġ skont l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi;
- (i) ħatt jew trasbord ta' merkanzija mill-mezz ta' trasport li jkun qed iġorrha mingħajr awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali jew f'postijiet mhux nominati jew approvati minn dawn l-awtoritajiet skont l-Artikolu 140 tal-Kodiċi;
- (j) ħażna ta' merkanzija fil-faċilitajiet ta' ħażna temporanja jew imħażen doganali mingħajr awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali skont l-Artikoli 147 u 148;
- (k) nuqqas min-naħa tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew id-detentur tal-proċedura li jissodisfa l-obbligi, li jinqalgħu mill-ħażna ta' merkanzija koperta mill-proċedura tal-imħażen doganali skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi.

#### *Artikolu 5*

#### **Ksur doganali mwettaq intenzjonalment**

L-Istati Membri jiżguraw li l-atti jew l-omissjonijiet li ġejjin jikkostitwixxu ksur doganali mwettaq intenzjonalment:

- (a) li jipprovdu lill-awtoritajiet doganali informazzjoni falza jew dokumenti meħtieġa minn dawn l-awtoritajiet skont l-Artikoli 15 jew 163 tal-Kodiċi;
- (b) l-użu ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kull mezz irregolari ieħor minn operatur ekonomiku sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet doganali biex wieħed:
  - (i) isir operatur ekonomiku awtorizzat skont l-Artikolu 38 tal-Kodiċi,
  - (ii) jagħmel użu ta' dikjarazzjoni simplifikata skont l-Artikolu 166 tal-Kodiċi,
  - (iii) jagħmel użu ta' simplifikazzjonijiet doganali oħra skont l-Artikoli 177, 179, 182, 185 tal-Kodiċi,

- (iv) ipoġġi l-merkanzija taħt proċeduri speċjali skont l-Artikolu 211 tal-Kodiċi,
- (c) l-introduzzjoni jew il-ħruġ ta' merkanzija mit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr il-preżentazzjoni tagħha lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 139, 245, jew l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi;
- (d) nuqqas min-naħa tad-detentur ta' deċiżjoni relatata mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali li jissodisfa l-obbligi li jirriżultaw minn din id-deċiżjoni skont l-Artikolu 23(1) tal-Kodiċi;
- (e) nuqqas min-naħa tad-detentur ta' deċiżjoni relatata mal-applikazzjoni tal-leġislazzjoni doganali li jgħarraf lill-awtoritajiet doganali mingħajr dewmien dwar kull fattur li jinqala' wara li tittieħed id-deċiżjoni minn dawn l-awtoritajiet li jinfluwenza l-kontinwazzjoni jew il-kontenut tagħha skont l-Artikolu 23(2) tal-Kodiċi;
- (f) l-ipproċessar ta' merkanzija f'maħżen doganali mingħajr awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 241 tal-Kodiċi;
- (g) l-akkwist jew żamma ta' merkanzija li tkun parti mill-ksur doganali stabbilit fil-punt (f) tal-Artikolu 4 u l-punt (c) ta' dan l-Artikolu.

#### *Artikolu 6*

### **Inċitament, Għajnuna, Assistenza u Tentattiv**

1. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-assistenza, att jew ommissjoni msemmija fl-Artikolu 5 jirrappreżentaw ksur doganali.
2. L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-assistenza, att jew ommissjoni msemmija fil-punti (b) jew (c) fl-Artikolu 5 jirrappreżentaw ksur doganali.

#### *Artikolu 7*

### **Żball min-naħa tal-awtoritajiet doganali**

L-atti jew l-ommissjonijiet imsemmija fl-Artikoli 3 sa 6 ma jikkostitwixxux ksur doganali meta jseħħu bħala riżultat ta' żball min-naħa tal-awtoritajiet doganali.

#### *Artikolu 8*

### **Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi**

1. L-Istati Membri jiżguraw li persuni ġuridiċi jitqiesu responsabbli li wettqu ksur doganali għall-benefiċċju tagħhom minn kull persuna, li tkun qed taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika u jkollha pożizzjoni ta' tmexxija fuq il-persuna ġuridika, ikun ibbażat fuq dawn li ġejjin:
  - (a) is-setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;
  - (b) awtorità li tiegħu d-deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika;
  - (c) awtorità li teżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li persuni ġuridiċi jitqiesu responsabbli fejn nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna msemmija fil-paragrafu 1 ikun għamel possibli t-twettiq ta' ksur doganali għall-benefiċċju ta' din il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tal-persuna msemmija fil-paragrafu 1.
3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika skont il-paragrafi 1 u 2 tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' persuni fiżiċi li jkunu wettqu l-ksur doganali.

#### *Artikolu 9*

##### **Sanzjonijiet għal ksur doganali msemmi fl-Artikolu 3**

L-Istati Membri jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi jiġu imposti minħabba ksur doganali msemmi fl-Artikolu 3 fil-limiti li ġejjin:

- (a) multa monetarja minn 1 % sa 5 % tal-valur tal-merkanzija, meta l-ksur doganali jkun marbut ma' merkanzija speċifika;
- (b) multa monetarja minn EUR 150 sa EUR 7 500, meta l-ksur doganali ma jkunx marbut ma' merkanzija speċifika.

#### *Artikolu 10*

##### **Sanzjonijiet għal ksur doganali msemmi fl-Artikolu 4**

L-Istati Membri jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi jiġu imposti minħabba l-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 4 fil-limiti li ġejjin:

- (a) multa monetarja sa 15 % tal-valur tal-merkanzija, meta l-ksur doganali jkun marbut ma' merkanzija speċifika;
- (b) multa monetarja sa EUR 22 500, meta l-ksur doganali ma jkunx marbut ma' merkanzija speċifika.

#### *Artikolu 11*

##### **Sanzjonijiet għal ksur doganali msemmi fl-Artikoli 5 u 6**

L-Istati Membri jiżguraw li sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi jiġu imposti minħabba l-ksur doganali msemmi fl-Artikolu 5 u 6 fil-limiti li ġejjin:

- (a) multa monetarja sa 30 % tal-valur tal-merkanzija, meta l-ksur doganali jkun marbut ma' merkanzija speċifika;
- (b) multa monetarja sa EUR 45 000, meta l-ksur doganali ma jkunx marbut ma' merkanzija speċifika.

#### *Artikolu 12*

##### **Applikazzjoni effettiva tas-sanzjonijiet u l-eżerċizzju tas-setgħat biex jiġu imposti s-sanzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti**

L-Istati Membri jiżguraw li meta jiddeterminaw it-tip u l-livell tas-sanzjonijiet għal ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6, l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw iċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi, fejn ikun xieraq:

- (a) is-serjetà u t-tul ta' żmien tal-ksur doganali;
- (b) il-fatt li l-persuna responsabbli għall-ksur doganali tkun operatur ekonomiku awtorizzat;
- (c) l-ammont ta' dazju evaż fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni;
- (d) il-fatt li l-merkanzija involuta hija soġġetta għall-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet imsemmija fit-tieni sentenza tal-Artikolu 134(1) tal-Kodiċi u fl-Artikolu 267(3)(e) tal-Kodiċi jew tkun ta' riskju għas-sigurtà pubblika;
- (e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti;
- (f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur.

### *Artikolu 13*

#### **Limitazzjoni**

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-proċedimenti li jikkonċernaw ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 jkun erba' snin u jibda jiddekorri mill-jum li l-ksur doganali jkun twettaq.
2. L-Istati Membri jiżguraw li, fil-każ ta' ksur doganali kontinwu jew ripetut, il-perjodu ta' limitazzjoni jibda jiddekorri mill-jum li fih l-att jew l-ommissjoni li jikkostitwixxu l-ksur doganali jkun waqaf.
3. L-Istati Membri jiżguraw li l-perjodu ta' limitazzjoni jiġi interrott minn kull att tal-awtorità kompetenti, notifikat lill-persuna inkwistjoni, marbuta mal-investigazzjoni jew il-proċedimenti ġuridiċi dwar l-istess ksur doganali. Il-perjodu ta' limitazzjoni jibda jiddekorri fil-jum tal-att interruttiv.
4. L-Istati Membri jiżguraw li l-bidu jew il-kontinwazzjoni ta' kull proċediment li jikkonċerna ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 jkun prekluż wara l-iskadenza ta' perjodu ta' tmien snin mill-jum imsemmi fil-paragrafi 1 jew 2.
5. L-Istati Membri jiżguraw li l-perjodu ta' limitazzjoni għall-infurzar ta' deċiżjoni li timponi sanzjoni huwa ta' tliet snin. Dan il-perjodu jibda jiddekorri mill-ġurnata li fiha d-deċiżjoni ssir finali.
6. L-Istati Membri jistipulaw il-każijiet fejn il-perjodi ta' limitazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1, 4 u 5 jiġu sospiżi.

### *Artikolu 14*

#### **Sospensjoni tal-proċedimenti**

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-proċedimenti amministrattivi dwar ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 jiġu sospiżi meta jibdew il-proċedimenti kriminali kontra l-istess persuna b'konnessjoni mal-istess fatti.
2. L-Istati Membri jiżguraw li l-proċedimenti amministrattivi li jkunu ġew sospiżi fir-rigward ta' ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 ma jkomplux meta l-proċedimenti kriminali msemmija fil-paragrafu 1 jkunu nġhalqu b'mod finali. F'każijiet oħra, il-proċedimenti amministrattivi li jkunu ġew sospiżi fir-rigward ta' ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 jistgħu jerġgħu jibdew.

### *Artikolu 15*

#### **Ġurisdiżżjoni**

1. L-Istati Membri jiżguraw li dawn jeżerċitaw ġurisdiżżjoni fuq ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6 skont kull kriterju li ġej:
  - (a) il-ksur doganali jitwettaq totalment jew parzjalment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru;
  - (b) il-persuna li twettaq il-ksur doganali tkun ċittadin ta' dan l-Istat Membru;
  - (c) il-merkanzija marbuta mal-ksur doganali tkun fit-territorju ta' dan l-Istat Membru.
2. L-Istati Membri jiżguraw li fil-każ li iżjed minn Stat Membru wieħed jitolbu ġurisdiżżjoni fuq l-istess ksur doganali, l-Istat Membru li fih il-proċedimenti kriminali kontra l-istess persuna b'konnessjoni mal-istess fatti jkunu pendenti, jeżerċita l-ġurisdiżżjoni. Meta l-ġurisdiżżjoni ma tkunx tista' tiġi determinata skont l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jiżguraw li l-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tal-ewwel li bdiet il-proċedimenti, li jikkonċernaw ksur doganali kontra l-istess persuna b'konnessjoni mal-istess fatti, jeżerċita ġurisdiżżjoni.

### *Artikolu 16*

#### **Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri**

L-Istati Membri jikkooperaw u jpartu kull informazzjoni meħtieġa dwar il-proċedimenti rigward att jew omissjoni li jikkostitwixxu ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6, b'mod partikolari fil-każ li iżjed minn Stat Membru wieħed ikun beda proċedimenti kontra l-istess persuna b'konnessjoni mal-istess fatti.

### *Artikolu 17*

#### **Sekwestru**

L-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-possibbiltà li temporanjament jissekwestraw kull merkanzija, mezzi ta' trasport u kull strument ieħor użat biex jitwettaq ksur doganali msemmi fl-Artikoli 3 sa 6.

### *Artikolu 18*

#### **Rappurtar mill-Kummissjoni u rieżami**

Sa [l-1 ta' Mejju 2019], il-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

### *Artikolu 19*

#### **Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard

minn [l-1 ta' Mejju 2017]. L-Istati Membri jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet li jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu kif issir referenza bħal din.

2. L-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### *Artikolu 20*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 21*

#### **Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*